

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Ir-Regolament Brussell Ila - Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri](#)

# Ir-Regolament Brussell Ila - Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 2201/2003

## Informazzjoni ġenerali

[Ir-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 2201/2003](#) tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000.

Dan ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea flief għad-Danimarka.

Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonossuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa ta' ebda proċedura speċjali.

Sentenza mogħtija fi Stat Membru u li hija infurzabbli f'dak l-Istat għandha tiġi infurzata fi Stat Membru ieħor meta, fuq rikors minn xi parti li jkollha interess, tkun ġiet iddikjarata infurzabbli hemmhekk. Rikors għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà għandu jiġi ppreżentat lill-qorti li tidher taħt Qorti għall-applikazzjoni tar-rikonossiment/tal-eżegwibilità. L-appell kontra d-deċiżjoni dwar ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà għandu jiġi ppreżentat lill-qorti li tidher fuq il-lista Qorti għall-appell kontra deċiżjoni ta' rikonossiment/eżegwibilità.

Is-sentenzi dwar id-drittijiet ta' aċċess u sentenzi dwar l-għoti lura ta' tifel jew tifla huma rikonossuti u infurzabbli fi Stati Membri oħrajn, mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà, kemm-il darba jintbagħat ċertifikat magħhom.

Ir-Regolament jipprovdi għal erba' formoli standard.

Kull Stat Membru għandu jinnomina ta' mill-inqas awtorità ċentrali waħda biex tgħin bl-applikazzjoni tar-Regolament.

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdi b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-[formoli](#).

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

## Ħoloq relatati

[Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell Ila \(2014\)](#)  (4958 Kb) 

[Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew \(magħluq fit-30 ta' Settembru 2017\)](#)

## SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

■ L-aħħar aġġornament: 21/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.